Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	22	36	42	64	184	314	3229
2	24	37	44	66	186	354	2397
3	25	39	48	72	182	367	1805
4	26	41	52	77	181	366	1392
5	28	44	56	80	181	357	1101
6	29	47	58	83	182	343	892
7	31	50	61	86	182	326	737
8	31	51	62	88	182	308	619
9	32	52	64	92	182	291	527
10	33	53	65	94	182	276	453
11	33	53	66	95	183	277	394
12	33	53	66	96	183	277	345
13	33	53	66	95	183	277	303
14	33	53	66	95	183	276	276
15	33	53	66	95	182	276	276
16	32	53	65	95	182	276	276
17	32	53	66	95	182	276	276
18	32	53	65	95	182	276	276
19	32	53	66	95	182	276	276
20	33	53	66	95	182	276	276
21	33	53	66	95	182	276	276
22	33	53	66	95	182	276	276
23	33	53	66	95	182	276	276
24	32	52	65	95	182	276	276
25	32	52	66	94	181	275	275
26	31	52	69	94	181	275	275
27	31	51	71	93	180	274	274
28	30	51	74	93	180	274	274
29	30	50	76	92	179	273	273
30	29	50	79	92	179	273	273

3.27 Rublu Russu

Tul ta' z'mien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	122	135	141	163	284	379	3388
2	120	133	140	162	282	378	2515
3	119	133	141	166	276	383	1894
4	118	133	143	169	272	383	1461
5	118	134	146	170	271	373	1156
6	117	135	146	171	270	364	937
7	118	136	147	173	269	363	775
8	117	136	148	174	268	362	651
9	116	136	148	176	266	360	555
10	116	136	149	177	266	360	478
11	115	136	148	177	265	359	415
12	114	134	147	176	264	358	363
13	113	133	146	175	263	356	356
14	112	132	145	174	261	355	355
15	109	130	142	172	259	353	353
16	107	127	140	169	257	351	351
17	105	125	138	167	254	348	348
18	102	123	135	165	252	346	346
19	100	120	133	162	250	344	344
20	98	118	131	160	248	341	341
21	96	116	129	158	245	339	339
22	93	114	127	156	243	337	337
23	91	111	124	154	241	335	335
24	89	109	122	151	239	333	333
25	87	107	120	149	236	330	330
26	85	105	118	147	234	328	328
27	83	103	116	145	232	326	326
28	81	101	114	143	230	324	324
29	79	99	112	141	228	322	322
30	77	97	110	139	226	320	320

3.28 *Dollari Singaporjan*

Tul ta' żmien (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	0	6	13	35	155	305	3134
2	0	8	15	37	157	344	2325
3	1	10	18	43	153	357	1750
4	1	12	22	48	151	356	1350
5	1	15	27	51	152	347	1069
6	2	18	29	54	153	333	866
7	2	21	32	57	153	317	716
8	2	22	33	59	153	300	602
9	3	22	34	62	153	283	512
10	4	23	36	64	153	266	441
11	4	23	36	65	152	250	383
12	4	23	36	65	152	246	335
13	4	23	35	65	152	246	295
14	4	22	38	64	152	246	261
15	5	22	40	64	152	245	245
16	6	22	42	64	151	245	245
17	6	22	45	64	151	245	245
18	6	22	48	64	151	245	245
19	7	22	50	64	151	245	245
20	7	23	52	65	152	246	246
21	7	23	55	65	152	246	246
22	8	23	57	65	153	247	247
23	8	24	60	66	153	247	247
24	8	24	62	66	153	247	247
25	9	24	65	68	153	247	247
26	9	24	67	70	154	247	247
27	9	24	70	72	154	248	248
28	10	24	72	73	154	248	248
29	10	24	75	75	154	248	248
30	11	25	77	77	154	248	248

3.29 *Won Sud Korean*

Tul ta' zmiġen (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	31	44	50	73	193	305	3134
2	31	44	51	73	193	344	2323
3	30	44	52	77	187	357	1748
4	29	44	54	80	183	356	1348
5	28	45	56	81	182	346	1067
6	31	48	60	85	183	332	864
7	29	47	58	84	180	316	714
8	33	52	63	90	183	299	600
9	32	52	64	92	182	282	510
10	27	47	60	88	177	270	439
11	22	42	55	84	172	266	381
12	19	39	52	81	169	262	334
13	16	37	50	79	166	260	294
14	15	35	48	77	164	258	260
15	13	33	46	75	163	257	257
16	12	32	45	74	161	255	255
17	11	31	45	73	160	254	254
18	10	30	48	72	160	253	253
19	10	30	49	72	159	253	253
20	10	30	52	72	159	253	253
21	10	30	54	72	159	253	253
22	10	30	57	72	159	253	253
23	10	30	60	72	159	253	253
24	9	30	62	72	159	253	253
25	9	30	64	72	159	253	253
26	9	29	66	71	159	253	253
27	9	29	69	71	159	253	253
28	10	29	71	73	159	252	252
29	10	29	74	75	158	252	252
30	11	29	77	77	158	252	252

3.30 Lira Torca

Tul ta' zmiġen (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	196	209	215	237	358	454	3728
2	192	205	211	233	354	450	2779
3	186	200	209	233	343	439	2091
4	181	196	207	232	336	430	1613
5	177	193	205	229	331	424	1271
6	173	191	202	227	326	419	1026
7	170	189	200	225	321	415	845
8	166	185	196	223	316	410	707
9	162	182	193	222	312	406	600
10	158	178	191	219	308	402	514
11	154	174	187	216	304	397	444
12	150	170	183	212	299	393	393
13	146	166	179	208	295	389	389
14	142	162	175	204	292	386	386
15	138	159	172	201	288	382	382
16	135	155	168	197	285	379	379
17	132	152	165	194	281	375	375
18	129	149	162	191	278	372	372
19	126	146	159	188	275	369	369
20	123	143	156	185	273	367	367
21	120	141	154	183	270	364	364
22	118	138	151	180	267	361	361
23	115	135	148	177	265	359	359
24	113	133	146	175	262	356	356
25	110	130	143	172	260	353	353
26	108	128	141	170	257	351	351
27	105	125	138	167	255	349	349
28	103	123	136	165	252	346	346
29	101	121	134	163	250	344	344
30	99	119	132	161	248	342	342

3.31 *Dollari Amerikan*

Tul ta' zmiġen (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	0	14	26	52	172	307	3151
2	0	14	26	52	172	345	2336
3	1	17	28	56	169	359	1758
4	1	20	32	61	167	357	1356
5	2	23	36	67	168	348	1073
6	4	26	39	69	169	334	869
7	7	30	42	71	169	318	719
8	9	34	46	74	169	301	604
9	11	37	49	76	169	284	514
10	12	38	51	77	170	267	442
11	13	40	52	78	170	263	384
12	13	41	54	79	170	263	336
13	14	43	54	80	170	263	296
14	15	43	55	80	169	263	263
15	15	43	55	80	169	263	263
16	15	43	55	80	169	263	263
17	15	43	55	80	169	263	263
18	15	43	55	80	169	263	263
19	15	43	55	80	169	263	263
20	15	43	55	80	170	263	263
21	15	43	55	80	170	264	264
22	15	43	57	80	170	264	264
23	15	43	60	80	170	264	264
24	15	43	62	80	170	264	264
25	15	43	65	80	170	264	264
26	15	43	67	80	170	264	264
27	15	43	70	80	170	263	263
28	15	43	72	80	169	263	263
29	15	43	74	80	169	263	263
30	15	43	77	80	169	263	263

3.32 Yen

Tul ta' zmiġn (fi snin)	Skala 0 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 2 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 3 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 4 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 5 tal-kwalità tal-kreditu	Skala 6 tal-kwalità tal-kreditu
1	0	0	3	12	133	299	3063
2	0	1	6	14	131	337	2272
3	1	1	9	17	124	350	1709
4	1	3	11	19	121	348	1318
5	1	4	15	22	120	339	1043
6	2	4	16	25	119	326	845
7	2	6	19	28	119	310	698
8	2	6	22	30	119	293	587
9	2	7	25	32	119	276	500
10	4	8	27	34	119	260	430
11	4	9	29	37	119	244	373
12	4	10	32	39	119	229	327
13	4	10	35	41	120	214	288
14	4	11	36	43	120	214	255
15	5	12	39	46	120	214	227
16	5	12	42	48	120	214	214
17	6	14	44	49	121	215	215
18	6	15	46	52	121	215	215
19	7	15	49	54	122	216	216
20	7	17	52	56	122	216	216
21	7	17	53	58	124	217	217
22	8	18	56	59	125	217	217
23	8	18	58	62	127	218	218
24	8	20	61	64	129	218	218
25	9	20	63	66	130	218	218
26	9	21	66	68	130	218	218
27	9	22	68	70	132	218	218
28	10	23	71	71	133	218	218
29	10	23	73	73	134	218	218
30	10	25	75	75	135	218	218

ANNEX III

Aġġustament għall-volatilità għall-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju

Munita	Suq nazzjonali tal-assigurazzjoni	Aġġustament għall-volatilità (fbps)
Euro	L-Awstrija	7
Euro	Il-Belġju	7
Euro	Ċipru	7
Euro	L-Estonja	7
Euro	Il-Finlandja	7
Euro	Franza	7
Euro	Il-Ġermanja	7
Euro	Il-Greċja	7
Euro	L-Irlanda	7
Euro	L-Italja	7
Euro	Il-Latvja	7
Euro	Il-Litwanja	7
Euro	Il-Lussemburgu	7
Euro	Malta	7
Euro	In-Netherlands	7
Euro	Il-Portugall	7
Euro	Is-Slovakkja	7
Euro	Is-Slovenja	7
Euro	Spanja	7
Krona Ċeka	Ir-Repubblika Ċeka	13
Krona Daniża	Id-Danimarka	20
Forint	L-Ungerija	1
Krona Żvediża	L-Iżvezja	10
Kuna	Il-Kroazja	0
Lev	Il-Bulgarija	-2
Lira Sterlina	Ir-Renju Unit	15
Leu Rumun	Ir-Rumanija	3
Zloty	Il-Polonja	8
Krona İzlandiża	L-Iżlanda	-1
Krona Norveġiża	In-Norveġja	40
Frank Żvizzeru	Il-Liechtenstein	5
Frank Żvizzeru	L-Iżvizzera	5
Dollaru Awstraljan	L-Awstralja	8
Dollaru Kanadiż	Il-Kanada	33
Dollaru Amerikan	L-Istati Uniti	29
Yen	Il-Ġappun	2

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/194**tat-12 ta' Frar 2020****li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu b'distanza oġġetti u ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 471 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽²⁾, li jipprevedi skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu ċerti servizzi, ġie emendat mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 ⁽³⁾ u mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 ⁽⁴⁾ biex jiġu estiżi l-iskemi speċjali. Il-miżuri neċessarji biex ikun hemm konformità ma' dawk iż-żewġ Direttivi emendatorji jenħtieġ li jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 jstabilixxi regoli dwar kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). L-Artikoli 47b, 47c, 47d u 47e ta' dak ir-Regolament jikkonċernaw l-iskambju ta' ċerta informazzjoni relatata mal-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. B'mod partikolari, dawk l-Artikoli jipprevedu l-iskambju ta' dettalji ta' identifikazzjoni u dettalji fid-dikjarazzjoni tal-VAT u l-iskambju ta' kwalunkwe bidla sussegwenti f'dawk id-dettalji. Dawk l-Artikoli se jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.
- (3) Sabiex ikun żgurat li l-iskambju tal-informazzjoni msemmija f'dawk l-Artikoli jseħħ b'mod uniformi, tenħtieġ l-adozzjoni tad-dettalji tekniċi ta' tali skambji, inkluż messaggġ elettroniku komuni. Dan ikun jista' jippermetti wkoll l-iżvilupp uniformi ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u funzjonali, għax ikunu qed isegwu qafas regolat.
- (4) Jenħtieġ li jkun hemm ukoll, bla dewmien u b'mod uniformi, l-iskambju ta' ċerta informazzjoni bħall-esklużjoni minn skemi speċjali, bħall-waqfien volontarju jew bħall-bidla tal-Istat Membru ta' identifikazzjoni sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissorveljaw l-applikazzjoni korretta tal-iskemi speċjali u jiġġieldu l-frodi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu previsti arranġamenti komuni għall-iskambju elettroniku ta' tali informazzjoni.
- (5) Sabiex il-piż amministrattiv fuq il-persuni taxxabbli jibqa' minimu, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti għall-interfaċċa elektronika. Dawn se jiffaċilitaw aktar il-mod kif il-persuni taxxabbli jippreżentaw l-informazzjoni ta' identifikazzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-VAT. L-Istati Membri ma għandhomx joqogħdu lura milli jipprovdu funzjonalitajiet addizzjonali li jkomplu jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.
- (6) Jenħtieġ li jiġi ċċarat liema informazzjoni speċifika hemm bżonn li tiġi ppreżentata f'każijiet meta l-ebda provvista li taqa' taħt l-iskemi speċjali ma ssir f'perjodu partikolari.
- (7) Sabiex l-Istati Membri u l-persuni taxxabbli jkunu jistgħu jirreferu għad-dikjarazzjonijiet tal-VAT b'mod inekwivokabbli f'komunikazzjonijiet sussegwenti, inkluż b'mod ċar dwar il-pagament tat-taxxa, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jenħtieġ li jalloka numru ta' referenza uniku għal kull dikjarazzjoni tal-VAT.
- (8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess jum li fih jibdew japplikaw l-Artikoli 47b, 47c, 47d u 47e tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1.⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 1).

- (9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 815/2012⁽³⁾ jistabbilixxi regoli dettaljati f'konformità mal-Artikoli 44 u 45 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar l-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-iskemi speċjali għal servizzi tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir jew elettroniċi. Dawk l-Artikoli huma applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 815/2012 jenħtieġ li jiġihassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, jenħtieġ li jkompli japplika sal-10 ta' Frar 2024 fir-rigward tal-preżentazzjoni u l-korrezzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT f'dak li għandu x'jaqsam mal-provvisti ta' servizzi koperti minn kwalunkwe waħda mill-iskemi speċjali msemmija f'dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni li twettqu qabel l-1 ta' Jannar 2021.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "skema mhux tal-Unjoni" tfisser l-iskema speċjali għal servizzi fornuti minn persuni taxxabli li mhumiex stabbiliti fil-Komunità, prevista fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE;
- (2) "skema tal-Unjoni" tfisser l-iskema speċjali għal bejgħ b'distanza intra-Komunitarju, għal provvisti ta' oġġetti fi ħdan Stat Membru permezz ta' interfaċċi elettroniċi li jiffaċilitaw dawk il-provvisti f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 14a tad-Direttiva 2006/112/KE u għal servizzi fornuti minn persuni taxxabli stabbiliti fil-Komunità iżda mhux fl-Istat Membru ta' konsum, previsti fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE;
- (3) "skema ta' importazzjoni" tfisser l-iskema speċjali għall-bejgħ b'distanza ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi kif stabbilit fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE;
- (4) "skemi speċjali" tfisser l-iskema mhux tal-Unjoni, l-iskema tal-Unjoni u l-iskema ta' importazzjoni.

Artikolu 2

Funzjonalitajiet tal-interfaċċa elektronika

L-interfaċċa elektronika fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni li bih persuna taxxabli jew intermedjarju li jaġixxi fisimha jirreġistraw għall-użu ta' waħda mill-iskemi speċjali, u li permezz tagħha dik il-persuna jew l-intermedjarju tagħha jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità ma' din l-iskema, għandu jkollha l-funzjonalitajiet li ġejjin:

- (a) toffri l-possibiltà li l-informazzjoni u kwalunkwe bidla fiha tiġi ssejvjata, hekk kif hemm previst fl-Artikolu 361 jew 369p tad-Direttiva 2006/112/KE, u l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni tal-VAT f'konformità mal-Artikoli 365, 369g jew 369t tad-Direttiva 2006/112/KE, qabel ma l-informazzjoni tiġi ppreżentata jew mibdula;
- (b) tippermetti lill-persuna taxxabli jew l-intermedjarju li jaġixxi fisimha jippreżentaw l-informazzjoni rilevanti dwar id-dikjarazzjonijiet tal-VAT permezz ta' trasferiment elettroniku tal-fajl f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni.

Artikolu 3

Trażmissjoni tal-informazzjoni ta' identifikazzjoni

1. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrażmetti l-informazzjoni li ġeja inkluż kwalunkwe bidla fiha, lill-Istati Membri l-oħra permezz tan-network CCN/CSI:

- (a) informazzjoni biex tiġi identifikata l-persuna taxxabli li tuża l-iskema mhux tal-Unjoni;

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 815/2012 tat-13 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010, dwar skemi speċjali għal persuni taxxabli li mhumiex stabbiliti li jfornu servizzi tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir jew servizzi elettroniċi lil persuni mhux taxxabli (ĠU L 249, 14.9.2012, p. 3).

- (b) informazzjoni biex tiġi identifikata l-persuna taxxabblu li tuża l-iskema tal-Unjoni;
 - (c) informazzjoni biex tiġi identifikata l-persuna taxxabblu li tuża l-iskema ta' importazzjoni;
 - (d) informazzjoni li tidentifika intermedjarju;
 - (e) in-numru ta' identifikazzjoni allokat lill-persuna taxxabblu jew lill intermedjarju.
2. Il-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness I għandu jintuża biex jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fejn għandha tintuża l-kolonna li ġejja f'kull każ:
- (a) il-kolonna B għall-iskema mhux tal-Unjoni;
 - (b) il-kolonna C għall-iskema tal-Unjoni;
 - (c) il-kolonna D għall-iskema ta' importazzjoni għall-identifikazzjoni tal-persuna taxxabblu f'konformità mal-Artikolu 369p(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE;
 - (d) il-kolonna E għall-iskema ta' importazzjoni għall-identifikazzjoni tal-intermedjarju f'konformità mal-Artikolu 369p(2) tad-Direttiva 2006/112/KE.
3. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu mingħajr dewmien jinforma lill-Istati Membri l-oħra permezz tan-netwerk CCN/CSI, billi juża l-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, meta l-persuna taxxabblu:
- (a) hija eskluża minn, jew imħassra mir-reġistru ta' identifikazzjoni ta' waħda mill-iskemi speċjali f'konformità mal-Artikolu 363, 369e jew 369r(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE;
 - (b) volontarjament ma tibqax tuża waħda mill-iskemi speċjali;
 - (c) tbiddel l-Istat Membru ta' identifikazzjoni fil-kuntest tal-iskema tal-Unjoni jew l-iskema ta' importazzjoni.
4. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu mingħajr dewmien jinforma lill-Istati Membri l-oħra permezz tan-netwerk CCN/CSI, billi jintuża l-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, meta l-intermedjarju:
- (a) huwa mħassar mir-reġistru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369r(2) tad-Direttiva 2006/112/KE;
 - (b) volontarjament ma jibqax jaġixxi b'hal intermedjarju;
 - (c) bidla fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni.
5. In-numri ta' identifikazzjoni individwali tal-VAT allokatu jew, kif applikabbli, fir-rigward ta' persuni taxxabblu f'konformità mal-Artikolu 369q(1) u (3) tad-Direttiva 2006/112/KE għandhom jiġu skambjati b'mod awtomatiku bejn l-Istat Membru ta' identifikazzjoni u l-Istati Membri l-oħrajn permezz ta' reġistru ċentrali jew għodda affidabbli oħra ta' kondivizzjoni tad-*data* b'mod li jiżgura f'kull ħin li l-Istati Membri jkollhom stampa aġġornata korretta tal-validità ta' dawn in-numri kollha ta' identifikazzjoni tal-VAT li jkunu ġew allokatu mill-Istati Membri kollha.

Artikolu 4

Preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-VAT tal-persuna taxxabblu

1. Il-persuna taxxabblu jew, meta applikabbli fil-każ tal-iskema ta' importazzjoni, l-intermedjarju li jaġixxi fisimha għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-VAT bid-dettalji f'konformità mal-Artikoli 365, 369g jew 369t tad-Direttiva 2006/112/KE, lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni permezz tal-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Il-kolonna B ta' dak il-messaġġ elettroniku komuni għandha tintuża għall-iskema mhux tal-Unjoni, il-kolonna C għall-iskema tal-Unjoni u l-kolonna D għall-iskema ta' importazzjoni.
2. Meta, fir-rigward ta' skema speċjali, persuna taxxabblu ma tagħmel l-ebda provvista ta' oġġetti jew servizzi taħt dik l-iskema speċjali fi kwalunkwe Stat Membru matul perjodu tat-taxxa u ma għandha l-ebda emenda x'taġħmel għad-dikjarazzjonijiet tal-VAT preċedenti, għandha timtela dikjarazzjoni tal-VAT b'valur zero. Għal dak il-għan, il-kaxxi li ġejjin biss tal-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III għandhom jimtlew:
- (a) kaxex 1, 2, 11 u 24 għall-iskema mhux tal-Unjoni;
 - (b) kaxex 1, 2, 21 u 24 għall-iskema tal-Unjoni;
 - (c) kaxxi 1, 1a, 2, 11 u 24 għall-iskema ta' importazzjoni.
3. Il-persuna taxxabblu jew, meta applikabbli fil-każ tal-iskema ta' importazzjoni, l-intermedjarju li jaġixxi fisimha għandhom inizzju l-provvisti relatati ma' Stat Membru ta' konsum biss meta l-provvisti ta' oġġetti jew servizzi taħt l-iskemi speċjali jkunu saru f'dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa.

Barra minn hekk, fil-każ tal-iskema tal-Unjoni, il-persuna taxxabbli għandha tniżżel il-provvisti msemmija fl-Artikolu 369 g(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112/KE relatati ma' Stat Membru biss meta l-oġġetti jintbagħtu jew jiġu trasportati minnu jekk il-oġġetti koperti mill-iskema tal-Unjoni jkunu ntbagħtu jew ġew trasportati minn dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa. B'mod simili, il-persuna taxxabbli għandha tniżżel il-provvisti minn Stat Membru ta' stabbiliment biss meta l-provvisti tas-servizzi taħt l-iskema tal-Unjoni jkun saru minn dak l-Istat Membru fi żmien il-perjodu tat-taxxa.

Artikolu 5

Trażmissjoni tal-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni tal-VAT

L-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni tal-VAT imsemmija fl-Artikolu 4(1) għandha tintbagħat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni permezz tan-netwerk CCN/CSI billi jintuża l-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III.

- (a) għal kull Stat Membru ta' konsum imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-VAT;
- (b) barra minn hekk, fil-każ tal-iskema tal-Unjoni, għal kull wieħed mill-Istati Membri li ġejjin imsemmija fid-dikjarazzjoni tal-VAT:
 - (i) kull Stat Membru li minnu jintbagħtu jew jiġu trasportati oġġetti;
 - (ii) kull Stat Membru ta' stabbiliment li minnu jkunu ġew fornuti servizzi.

Għall-fini tal-ewwel paragrafu, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrażmetti lil kull Stat Membru rilevanti l-informazzjoni ġenerali li tinsab fil-parti 1 tal-messaġġ elettroniku komuni li jidher fl-Anness III, flimkien mal-informazzjoni fil-parti 2, 3 u 4 ta' dak il-messaġġ elettroniku komuni li għandha x'taqsam ma' dak l-Istat Membru partikolari.

Artikolu 6

Numru ta' referenza uniku

L-informazzjoni trażmessa f'konformità mal-Artikolu 5 għandu jkun fiha numru ta' referenza allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni li jkun uniku għad-dikjarazzjoni tal-VAT speċifika.

Artikolu 7

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 815/2012 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, fir-rigward tal-preżentazzjoni u l-korrezzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT f'dak li għandu x'jaqşam mal-provvisti ta' servizzi koperti minn waħda mill-iskemi speċjali msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 815/2012 li twettqu qabel l-1 ta' Jannar 2021, dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għandu jkompli japplika sal-10 ta' Frar 2024.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

Dettalji ta' identifikazzjoni

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C	Kolonna D	Kolonna E
In-numru tal-kaxxa	L-iskema mhux tal-Unjoni	L-iskema tal-Unjoni	L-iskema ta' importazzjoni (Identifikazzjoni tal-persuna taxxabli)	L-iskema ta' importazzjoni (Identifikazzjoni tal-intermedjarju)
1	In-numru individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT allokati mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 362 tad-Direttiva 2006/112/KE ⁽¹⁾	In-numru individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT allokati mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369d tad-Direttiva 2006/112/KE, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż	In-numru individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT allokati mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE ⁽²⁾	In-numru ta' identifikazzjoni tal-individwu allokati mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE ⁽³⁾
1a			Jekk il-persuna taxxabli hija rappreżentata minn intermedjarju, in-numru ta' identifikazzjoni individwali ta' dak l-intermedjarju allokati f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE	
2	In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali		In-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa nazzjonali ⁽⁴⁾	
2a			In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, jekk jeżisti,	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT
3	Isem il-kumpanija	Isem il-kumpanija	Isem il-kumpanija	Isem il-kumpanija
4	L-isem/ismijiet kummerċjali tal-kumpanija jekk differenti minn isem il-kumpanija	L-isem/ismijiet kummerċjali tal-kumpanija jekk differenti minn isem il-kumpanija	L-isem/ismijiet kummerċjali tal-kumpanija jekk differenti minn isem il-kumpanija	L-isem/ismijiet kummerċjali tal-kumpanija jekk differenti minn isem il-kumpanija
5	L-indirizz postali sħiħ tal-kumpanija ⁽⁵⁾	L-indirizz postali sħiħ tal-kumpanija ⁽⁵⁾	L-indirizz postali sħiħ tal-kumpanija ⁽⁵⁾	L-indirizz postali sħiħ tal-kumpanija ⁽⁵⁾
6	Il-pajjiż li fih il-persuna taxxabli għandha l-post tan-negozju	Il-pajjiż li fih il-persuna taxxabli għandha l-post tan-negozju, jekk ma jkunx fl-Unjoni	Il-pajjiż li fih il-persuna taxxabli għandha l-post tan-negozju	L-Istat Membru li fih l-intermedjarju jkollu l-post tan-negozju tiegħu jew, fin-nuqqas ta' post tan-negozju fl-Unjoni, l-Istat Membru li fih l-intermedjarju jkollu stabbiliment fiss meta huwa jindika li se jagħmel użu mill-iskema ta' importazzjoni f'isem il-persuna/i taxxabli li huwa jirrappreżenta
7	L-indirizz elettroniku tal-persuna taxxabli	L-indirizz elettroniku tal-persuna taxxabli	L-indirizz elettroniku tal-persuna taxxabli	L-indirizz elettroniku tal-intermedjarju
8	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabli	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabli meta disponibbli	Is-sit(i) web tal-persuna taxxabli	
9	Isem il-kuntatt	Isem il-kuntatt	Isem il-kuntatt	Isem il-kuntatt

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C	Kolonna D	Kolonna E
In-numru tal-kaxxa	L-iskema mhux tal-Unjoni	L-iskema tal-Unjoni	L-iskema ta' importazzjoni (Identifikazzjoni tal-persuna taxxabli)	L-iskema ta' importazzjoni (Identifikazzjoni tal-intermedjarju)
10	In-numru tat-telefon	In-numru tat-telefon	In-numru tat-telefon	In-numru tat-telefon
11	In-numru tal-IBAN jew tal-OBAN	In-numru tal-IBAN	In-numru tal-IBAN ⁽⁶⁾	In-numru tal-IBAN ⁽⁷⁾
12	In-numru tal-BIC ⁽⁸⁾	In-numru tal-BIC ⁽⁸⁾	In-numru tal-BIC ⁽⁶⁾ ⁽⁸⁾	In-numru tal-BIC ⁽⁷⁾ ⁽⁸⁾
13.1		In-numru/i individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT jew, jekk mhux disponibbli, in-numru/i ta' referenza tat-taxxa allokati(i) mill-Istat(i) Membru/i li fih il-persuna taxxabli għandha stabbiliment(i) fiss(i) minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni u mill-Istat(i) Membru/i minn fejn jintbagħtu jew jiġu trasportati l-oġġetti, minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽⁹⁾ Indikatur jekk il-persuna taxxabli għandhiex stabbiliment fiss f'dan l-Istat Membru ⁽¹⁴⁾	In-numru/i individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT jew jekk mhux disponibbli, in-numru/i ta' referenza tat-taxxa allokati(i) mill-Istat(i) Membru/i li fih il-persuna taxxabli għandha stabbiliment(i) fiss(i) minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽⁹⁾	In-numru/i individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT jew jekk mhux disponibbli, in-numru/i ta' referenza tat-taxxa allokati(i) mill-Istat (i) Membru/i li fih l-intermedjarju jkollu stabbiliment(i) fiss(i) minbarra dawk fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽⁹⁾
14.1		L-indirizz postali sħiħ u l-isem kummerċjali ta' stabbilimenti fissi u ta' postijiet minn fejn jintbagħtu jew jiġu trasportati l-oġġetti fi Stati Membri minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽¹⁰⁾	L-indirizz postali sħiħ u l-isem kummerċjali tal-istabbilimenti fissi fi Stati Membri minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽¹⁰⁾	L-indirizz postali sħiħ u l-isem kummerċjali tal-istabbilimenti fissi fi Stati Membri minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽¹⁰⁾
15.1		In-numru/i ta' identifikazzjoni tal-VAT allokati(i) mill-Istat(i) Membru/i bħala persuna taxxabli mhux stabbilita ⁽¹¹⁾		
16.1	Dikjarazzjoni elettronika li l-persuna taxxabli mhijiex stabbilita fi ħdan l-Unjoni	Dikjarazzjoni elettronika li l-persuna taxxabli mhijiex stabbilita fi ħdan l-Unjoni		
16.2.		Indikatur jekk il-persuna taxxabli hijiex interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2006/112/KE ⁽¹⁴⁾		
17	Id-data meta bdiet tintuża l-iskema ⁽¹²⁾	Id-data meta bdiet tintuża l-iskema ⁽¹²⁾	Id-data meta bdiet tintuża l-iskema ⁽¹³⁾	

Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C	Kolonna D	Kolonna E
In-numru tal-kaxxa	L-iskema mhux tal-Unjoni	L-iskema tal-Unjoni	L-iskema ta' importazzjoni (Identifikazzjoni tal-persuna taxxabli)	L-iskema ta' importazzjoni (Identifikazzjoni tal-intermedjarju)
18	Id-data tat-talba mill-persuna taxxabli li għandha tiġi rreġistrata taħt l-iskema	Id-data tat-talba mill-persuna taxxabli li għandha tiġi rreġistrata taħt l-iskema	Id-data tat-talba mill-persuna taxxabli jew mill-intermedjarju li jaġixxi fisimha li għandha tiġi rreġistrata taħt l-iskema	Id-data tat-talba għal reġistrazzjoni bħala intermedjarju
19	Id-data tad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni	Id-data tad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni	Id-data tad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni	Id-data tad-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni
20		Indikatur jekk il-persuna taxxabli hijiex grupp tal-VAT ⁽¹⁴⁾		
21	In-numru/i ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu allokat(i) mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 362, 369d jew 369q tad-Direttiva 2006/112/KE jekk il-persuna taxxabli tkun diġà użat jew qed tuża waħda minn dawn l-iskemi.	In-numru/i ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu allokat(i) mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 362, 369d jew 369q tad-Direttiva 2006/112/KE jekk il-persuna taxxabli tkun diġà użat jew qed tuża waħda minn dawn l-iskemi.	In-numru/i ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu allokat(i) mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 362, 369d jew 369q tad-Direttiva 2006/112/KE jekk il-persuna taxxabli tkun diġà użat jew qed tuża waħda minn dawn l-iskemi.	In-numru/i intermedjarju/i allokat(i) mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE

⁽¹⁾ Għandu jissewja l-format: EUxxxxxyyyz fejn: xxx huwa n-numru bi tliet ċifri tal-kodiċi numerika tal-ISO tal-Istat Membru ta' identifikazzjoni (MSI); yyyyy huwa n-numru b'ħames ċifri assenjat mill-MSI; u z hija ċifra ta' kontroll.

⁽²⁾ Għandu jissewja l-format: IMxxxxxyyyz fejn: xxx huwa l-kodiċi numeriku ISO bi tliet ċifri tal-MSI; yyyyy huwa n-numru b'sitt ċifri assenjat mill-MSI; u z hija ċifra ta' kontroll.

⁽³⁾ Għandu jissewja l-format: INxxxxxyyyz fejn: xxx huwa l-kodiċi numeriku ISO bi tliet ċifri tal-MSI; yyyyy huwa n-numru b'sitt ċifri assenjat mill-MSI; u z hija ċifra ta' kontroll.

⁽⁴⁾ Obbligatorju jekk ma jingħata l-ebda numru ta' identifikazzjoni tal-VAT fil-Kaxxa 2a.

⁽⁵⁾ Jekk teżisti kodiċi postali għandha tiġi indikata.

⁽⁶⁾ Meta l-persuna taxxabli mhijiex rappreżentata minn intermedjarju.

⁽⁷⁾ Meta l-persuna taxxabli hija rappreżentata minn intermedjarju.

⁽⁸⁾ In-numru tal-BIC huwa fakultattiv.

⁽⁹⁾ Meta jkun hemm aktar minn stabbiliment fiss wieħed jew aktar minn Stat Membru wieħed minn fejn l-oġġetti huma mibgħuta jew trasportati, uża l-kaxxa 13.1, 13.2, eċċ.

⁽¹⁰⁾ Meta jkun hemm aktar minn stabbiliment fiss wieħed u/jew post minn fejn l-oġġetti huma mibgħuta jew trasportati, uża l-kaxxa 14.1, 14.2, eċċ.

⁽¹¹⁾ Meta jkun hemm aktar minn numru ta' identifikazzjoni tal-VAT wieħed allokat minn Stat(i) Membru/i, bħala persuna taxxabli mhux stabbilita, uża l-kaxxa 15.1, 15.2 eċċ.

⁽¹²⁾ F'ċerti każijiet limitati dan jista' jkun qabel id-data ta' reġistrazzjoni fl-iskema.

⁽¹³⁾ Id-data tal-bidu tal-użu tal-iskema hija identika għad-data fil-kolonna D, fil-kaxxa 19 u, fil-każ ta' prereġistrazzjoni f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2026, ma tistax tkun qabel l-1 ta' Jannar 2021.

⁽¹⁴⁾ Din hija sempliċment kaxxa li għandha tiġi mmarkata iva/le.

Detalji dwar l-istatus ta' persuna taxxabli jew ta' intermedjarju fir-reġistru ta' Stat Membru ta' identifikazzjoni

	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' persuna taxxabli allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, li jinkludi l-kodiċi tal-pajjiż	In-numru individwali ta' identifikazzjoni ta' intermedjarju allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, li jinkludi l-kodiċi tal-pajjiż
Id-data minn meta l-bidla hija effettiva	<p>Ir-raġuni għat-tibdil fir-reġistru tal-istatus tal-persuna taxxabli permezz tal-użu tal-kodiċijiet li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> (1) Il-persuna taxxabli jew, meta rilevanti, l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha, tkun innotifikat lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni li l-persuna taxxabli ma għadhiex t'forni servizzi u/jew oġġetti koperti mill-iskema speċjali; (2) L-Istat Membru ta' identifikazzjoni jassumi li l-attivitàjiet taxxabli tal-persuna taxxabli, koperti bl-iskema speċjali, jkunu ntemmu; (3) Il-persuna taxxabli m'għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' din l-iskema speċjali; (4) Il-persuna taxxabli b'mod persistenti ma tikkonformax mar-regoli tal-iskema speċjali; (5) Il-persuna taxxabli jew l-intermedjarju li jaġixxi f'isimha tkun talbet li titlaq mill-iskema volontarjament; (6) Il-persuna taxxabli tkun talbet li tiġi identifikata fi Stat Membru ġdid ta' identifikazzjoni. 	<p>Ir-raġuni għat-tibdil fir-reġistru tal-istatus tal-intermedjarju permezz tal-użu tal-kodiċijiet li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> (2) L-intermedjarju ma jkunx aġixxa bħala intermedjarju f'isem ebda persuna taxxabli li taġmel użu mill-iskema ta' importazzjoni għal perjodu ta' żewġ trimestri konsekuttivi; (3) L-intermedjarju ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jaġixxi bħala tali; (4) L-intermedjarju b'mod persistenti ma jikkonformax mar-regoli tal-iskema speċjali; (5) L-intermedjarju talab li volontarjament ma jibqax jaġixxi bħala intermedjarju (6) L-intermedjarju talab li jiġi identifikat fi Stat Membru ġdid ta' identifikazzjoni.

Dikjarazzjonijiet tal-VAT

Parti 1: Tagħrif ġenerali			
Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C	Kolonna D
In-numru tal-kaxxa	L-iskema mhux tal-Unjoni	L-iskema tal-Unjoni	L-iskema ta' importazzjoni
In-numru ta' referenza uniku ⁽¹⁾ :			
1	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-individwu allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 362 tad-Direttiva 2006/112/KE	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' individwu allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369d tad-Direttiva 2006/112/KE, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż	In-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' individwu allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 369q(1) jew (3) tad-Direttiva 2006/112/KE
1a			Jekk il-persuna taxxabbli hija rappreżentata minn intermedjarju, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dak l-intermedjarju allokat f'konformità mal-Artikolu 369q(2) tad-Direttiva 2006/112/KE
2	Perjodu tat-taxxa ⁽²⁾	Perjodu tat-taxxa ⁽²⁾	Perjodu tat-taxxa ⁽³⁾
2 a	Id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-perjodu ⁽⁴⁾	Id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-perjodu ⁽⁴⁾	Id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-perjodu ⁽⁵⁾
3	Munita	Munita	Munita
Parti 2: Għal kull Stat Membru ta' konsum meta hija dovuta l-VAT ⁽⁶⁾			
		2(a) Servizzi fornitimill-Istat Membru ta' identifikazzjoni u stabbiliment(i) fiss(i) barra l-Unjoni 2(b) Provvisti ta' oġġetti mibgħuta jew trasportati mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽⁷⁾	
4.1	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum
5.1	Ir-rata tal-VAT standard fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾	Ir-rata tal-VAT standard fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾	Ir-rata tal-VAT standard fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾
6.1	Ir-rata tal-VAT imnaqqsa fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾	Ir-rata tal-VAT imnaqqsa fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾	Ir-rata tal-VAT imnaqqsa fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾
7.1	L-ammont taxxabbli bir-rata standard ⁽⁸⁾	L-ammont taxxabbli bir-rata standard ⁽⁸⁾	L-ammont taxxabbli bir-rata standard ⁽⁸⁾
8.1	L-ammont tal-VAT bir-rata standard ⁽⁸⁾	L-ammont tal-VAT bir-rata standard ⁽⁸⁾	L-ammont tal-VAT bir-rata standard ⁽⁸⁾
9.1	L-ammont taxxabbli bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾	L-ammont taxxabbli bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾	L-ammont taxxabbli bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾

10.1	L-ammont tal-VAT bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾	L-ammont tal-VAT bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾	L-ammont tal-VAT bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾
11.1	L-ammont totali tal-VAT pagabbli	L-ammont totali tal-VAT pagabbli għall-provvisti ta' servizzi dikjarati fil-parti 2a u l-provvisti ta' oġġetti dikjarati fil-parti 2b	L-ammont totali tal-VAT pagabbli
		2(c) Servizzi furnuti minn stabbilimenti fissi fi Stati Membri minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽⁹⁾	
		2(d) Provvisti ta' oġġetti mibgħuta jew trasportati minn Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni ⁽¹⁰⁾ ⁽¹¹⁾	
12.1		Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum	
13.1		Ir-rata tal-VAT standard fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾	
14.1		Ir-rata tal-VAT imnaqqsa fl-Istat Membru ta' konsum ⁽⁸⁾	
15.1		In-numru individwali ta' identifikazzjoni tal-VAT jew, jekk mhux disponibbli, in-numru ta' referenza tat-taxxa, inkluż il-kodiċi tal-pajjiż: — - tal-istabbiliment fiss li minnu jsiru l-provvisti tas-servizzi; jew — - tal-istabbiliment li minnu jintbagħtu jew jiġu trasportati l-oġġetti. Meta l-provvisti ta' oġġetti jsiru f'konformità mal-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2006/112/KE u l-persuna taxxabbli ma jkollhiex identifikazzjoni tal-VAT jew numru ta' referenza tat-taxxa fl-Istat Membru minn fejn l-oġġetti jintbagħtu jew jiġu trasportati, il-kodiċi tal-pajjiż ta' dak l-Istat Membru xorta għandu jiġi pprovdut.	
16.1		L-ammont taxxabbli bir-rata standard ⁽⁸⁾	
17.1		L-ammont tal-VAT bir-rata standard ⁽⁸⁾	
18.1		L-ammont taxxabbli bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾	
19.1		L-ammont tal-VAT bir-rata mnaqqsa ⁽⁸⁾	
20.1		L-ammont totali tal-VAT pagabbli għall-provvisti ta' servizzi dikjarati fil-parti 2c u l-provvista ta' oġġetti dikjarati fil-parti 2d	
		2(e) Il-total globali għal provvisti mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, għal provvisti ta' oġġetti minn Stat Membru ieħor u għal servizzi mill-istabbilimenti fissi kollha li mhumieq fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni	
21.1		L-ammont totali tal-VAT (Kaxxa 11.1 + Kaxxa 11.2 ... + Kaxxa 20.1 + Kaxxa 20.2 ...)	

Parti 3: Għal kull Stat Membru ta' konsum li għalih issir korrezzjoni tal-VAT

22.1.	Il-perjodu tat-taxxa ⁽²⁾	Il-perjodu tat-taxxa ⁽²⁾	Il-perjodu tat-taxxa ⁽³⁾
23.1	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum	Il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru ta' konsum
24.1	L-ammont totali tal-VAT li jirriżulta minn korrezzjonijiet ta' provvisti ⁽¹²⁾	L-ammont totali tal-VAT li jirriżulta minn korrezzjonijiet ta' provvisti ⁽¹²⁾	L-ammont totali tal-VAT li jirriżulta minn korrezzjonijiet ta' provvisti ⁽¹²⁾

Parti 4: Bilanċ tal-VAT dovut għal kull Stat Membru ta' konsum

25.1.	L-ammont totali tal-VAT dovut, inklużi l-korrezzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet preċedenti għal kull Stat Membru (Kaxxa 11.1 + Kaxxa 11.2... + Kaxxa 24.1 + Kaxxa 24.2. ...) ⁽¹²⁾	L-ammont totali tal-VAT dovut, inklużi l-korrezzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet preċedenti għal kull Stat Membru (Kaxxa 21.1 + Kaxxa 21.2... + Kaxxa 24.1 + Kaxxa 24.2. ...) ⁽¹²⁾	L-ammont totali tal-VAT dovut, inklużi l-korrezzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet preċedenti għal kull Stat Membru (Kaxxa 11.1 + Kaxxa 11.2... + Kaxxa 24.1 + Kaxxa 24.2. ...) ⁽¹²⁾
-------	---	---	---

Parti 5: Ammont totali tal-VAT dovut għall-Istati Membri kollha ta' konsum

26	L-ammont totali tal-VAT dovut għall-Istati Membri kollha (Kaxxa 25.1 + 25.2. ...) ⁽¹³⁾	L-ammont totali tal-VAT dovut għall-Istati Membri kollha (Kaxxa 25.1 + 25.2. ...) ⁽¹³⁾	L-ammont totali tal-VAT dovut għall-Istati Membri kollha (Kaxxa 25.1 + 25.2. ...) ⁽¹³⁾
----	---	---	---

⁽¹⁾ In-numru ta' referenza uniku kif allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jikkonsisti mill-kodiċi tal-pajjiż għall-MSI/għan-numru/għall-perjodu tal-VAT – jiġifieri CZ/xxxxxxxx/Q1.yyyy (jew /M01.yyyy għall-iskema ta' importazzjoni) + żid il-kronogramma. In-numru għandu jingħata mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni qabel it-trażmissjoni tad-dikjarazzjoni lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

⁽²⁾ Għandu x'jaqsam mat-trimestri kalendarji: Q1.yyyy – Q2.yyyy – Q3.yyyy – Q4.yyyy. Meta jkun hemm aktar minn perjodu tat-taxxa wieħed li jrid jiġi kkoreġut fil-Parti 3, uża l-kaxxa 22.1.1, 22.1.2, eċċ.

⁽³⁾ Għandu x'jaqsam mat-trimestri kalendarji: M01.yyyy – M02.yyyy – M03.yyyy – eċċ. Meta jkun hemm aktar minn perjodu tat-taxxa wieħed li jrid jiġi korreġut fil-Parti 3, uża l-kaxxa 22.1.1, 22.1.2, eċċ.

⁽⁴⁾ Għandha timtela' biss f'każijiet meta l-persuna taxxabli tippreżenta aktar minn dikjarazzjoni waħda tal-VAT għall-istess trimestru. Tirrigwarda l-jiem kalendarji: dd.mm.yyyy – dd.mm.yyyy.

⁽⁵⁾ Għandha timtela' biss f'każijiet meta l-persuna taxxabli/l-intermedjarju tippreżenta/jippreżenta aktar minn dikjarazzjoni waħda tal-VAT għall-istess xahar. Tirrigwarda l-jiem kalendarji: dd.mm.yyyy – dd.mm.yyyy.

⁽⁶⁾ Meta jkun hemm aktar minn Stat Membru wieħed ta' konsum.

⁽⁷⁾ Inklużi l-provvisti faċilitati permezz ta' interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, meta d-dispaċċ jew it-trasport ta' dawk l-oġġetti jibda u jintemm fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni.

⁽⁸⁾ Meta tiġi applikata aktar minn rata standard waħda matul il-perjodu ta' ritorn, jintużaw il-kaxxi 5.1.2, 7.1.2, 8.1.2, 13.1.2, 16.1.2, 17.1.2, eċċ. Meta tiġi applikata aktar minn rata waħda mnaqqa tal-VAT, uża l-kaxxi 6.1.2, 9.1.2, 10.1.2, 14.1.2, 18.1.2, 19.1.2, eċċ.

⁽⁹⁾ Meta jkun hemm iktar minn stabbiliment wieħed fiss, uża l-kaxxa 12.2 sa 20.2, eċċ.

⁽¹⁰⁾ Meta jkun hemm aktar minn Stat Membru wieħed minbarra l-Istat Membru ta' identifikazzjoni li minnu jintbagħtu jew jiġu trasportati l-oġġetti, uża l-kaxxa 12.2 sa 20.2, eċċ.

⁽¹¹⁾ Inklużi l-provvisti faċilitati permezz ta' interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 14a(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, Meta d-dispaċċ jew it-trasport ta' dawk l-oġġetti jibda u jintemm fl-istess Stat Membru.

⁽¹²⁾ Dan l-ammont jista' jkun negattiv.

⁽¹³⁾ Ammonti negattivi fil-kaxxi 25.1, 25.2, eċċ. ma jistgħux jitqiesu.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

